# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 02 ta' Settembru, 2024**

**Talba Nru: CCT101/24/DS**

**Brenda Farrugia**

**Vs**

**Petroni Home Centre – Petroni Limited (C18602)**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2024 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata illi tirrifondiha l-ammont li nefqet fi 'fridge- freezer' illi hija tirritjeni kienet difettuża fl-ammont ta' disa' mija u disgħa u erbgħin Ewro (€949) jew inkella tibdlilha l-'fridge' ma waħda ġdida ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fit-22 ta' Mejju, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attriċi Brenda Farrugia xtrat *fridge-freezer* minghand is-soċjeta' intimata fl-ammont ta' disa' mija u disgħa u erbgħin Ewro (€949). Hija talbet lis-soċjeta' intiamta jekk tkunx tista' tibdel in-naħa ta' fejn tinfetaħ il-bieba u fi kliem ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata Edwin Petroni "*għal dan aħna offrejnielha li nistgħu naqilbu l-bieba ġewwa l-istores tagħna qabel ssir id-delivery biex b'hekk il-fridge freezer tasal għand il-klijenta lesta, għall dan is-sinjura Brenda Farrugia aċċettat.*"

Fil-fatt il-fridge-freezer waslet għand l-attriċi fejn kien hemmhekk illi nbidlet in-naħa tal-bieba. Dan kien ikkonfermat ukoll mis-Sur Petroni meta mistoqsi minn dan it-Tribunal waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2024 għaliex il-proċess ma kienx sar għand il-kumpanija u huwa rrisponda "*...illi dan il-proċess isir dejjem għand il-klijent sabiex il-fridge ma tkunx infetħet qabel... kont spjegajtilha li hemm bżonn iżżomm it-tape mal-freezer għal erbat ijiem u spjegajtilha għalfejn.*"

Ftit wara li ġiet installata, cirka xahrejn wara, l-attriċi innutat illi l-lakstu ta' parti mill-bieba tal-*freezer* kien mgħawweġ u kienet qiegħda tagħmel is-silġ għaliex ma kienetx qiegħda tagħlaq sew. Is-soċjeta' intimata bagħtet it-tekniċi tagħha għal aktar minn darba, li provaw jirrimedjaw is-sitwazzjoni pero' l-attriċi tgħid illi mhux talli ma ssewwietx il-problema talli l-lakstu 'infetaħ aktar'. Is-soċjeta' intimata offriet illi tieħu l-*fridge-freezer* għal cirka perjodu ta' xahar biex jagħmlu tape mal-bieba sabiex jirrianġawha. L-attriċi sostniet illi hija nefqet kważi elf Ewro (€1,000) mhux biex tingħata prodott difettuż u talbet li tingħata flusha lura jew 'fridge-freezer' differenti.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' intimata tenniet, illi meta mar it-tekniku jara l-*fridge-freezer* vera li nnota biċċa żgħira mill-lakstu mhux qiegħda f'postha u rrangaha fuq il-post bħalma normalment isir. Is-Sur Petroni, in rapprezentanza tas-soċjeta' intimata xehed illi l-attriċi fl-istess ġurnata kienet reġgħet ċemplet biex titlob illi l-lakstu jinbidel għaliex kien difettuż pero' huwa spjega kif kien hemm bżonn illi ssir pressjoni fuq il-bieba biex il-lakstu jieħu qagħda sewwa. Bidla tal-lakstu kollu kien ser jieħu aktar żmien biex jieħu l-qagħda tiegħu u l-problema tkun akbar. Huwa tenna illi offrewlha li jieħdu l-fridge-freezer biex jagħmlu l-proċedura fl-istores tagħhom filwaqt li jtuha waħda biex tinqeda iżda hija m'aċċettatx. Is-Sur Petroni insista illi l-prodott mhux difettuż u ma kienx hekk mill-bidu għaliex kieku kien itella' s-silġ fi żmien ftit tal-ġranet, li huma kienu lesti jassistuha biex ituha servizz imma hija rrifjutat l-għajnuna tagħhom u għaldaqstant mhux jaċċettaw illi għandhom jirrifondu l-flus jew jibdlu l-*fridge-freezer*.

Illi dan it-tribunal, sabiex jipprova jara jekk din il-kwistjoni tistax tiġi riżolta ssuggerixxa li jsiru t-tiswijiet kif indikati mis-soċjeta' attriċi, fil-mori tal-kawża

għall-perjodu indikat ukoll minnha sabiex jekk l-attriċi tkun sodisfatta ikun hemm riżoluzzjoni bonarja. L-attriċi preżentat ritratt li juri l-bieba tal-*freezer* bil-lakstu mdawwar magħha u filwaqt li stqarret illi l-bieba m'għadhiex tagħmel silġ xorta jibqa' l-fatt illi n-naħa tal-lakstu ta' mal-bieba tidher imbewqa b'mod illi x'hin tinfetaħ il-bieba ma tidhirx pulita kif hija tassumi li kellha tidher freezer ġdida. Is-Sur Petroni saħaq illi l-funzjonalita' tal-*freezer* hija dik mistennija u ma jistgax jaghmel ahjar min hekk.

Ikkunsidra:

Illi skont Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta Artikolu 73.(1) :

> *"Il-bejjiegħa għandhom* ***jikkunsinnaw*** *oġġetti lill-konsumatur li* ***jikkonformaw mal-kuntratt tal-bejgħ****, liema oġġetti għandhom, b'mod partikolari, fejn applikabbli: (a) ikunu tad-deskrizzjoni, it-tip, il-kwantità u l-kwalità, ujkollhom il-funzjonalità, il-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-karatteristiċi l-oħra, kif jirrikjedi l-kuntratt tal-bejgħ; ..."*

Illi skont l-istess soċjeta' intimata parti mill-kuntratt ta' bejnet il-partijiet kien propju illi l-bieba tinqaleb ġewwa l-istores tal-kumpanija qabel ma ssir id-delivery biex b'hekk hija tasal lesta għand il-klijenta, xi ħaġa li ġiet offruta lilha mill-istess soċjeta u hija, fi kliemu stess, '*aċċettat*'. Għaldaqstant il-kunsinna tal-*fridge-freezer* biex tkun konformi mal-kuntratt kellha propju tiġi kkunsinnjata bil-bieba lesta fil-pożizzjoni li xtaqitha l-klijenta, hawn attriċi. Dak illi ntqal mix-xhud Petroni, illi l-prassi hija li l-bibien jinbidlu għand il-klijenti ma għandhiex piż legali għaliex huwa dak kuntrattat illi jgħodd. Dan, u cioe, il-kunsinna bil-bieba kif pattwita, ma seħħx bil-konsekwenza illi l-proċess kollu kellu jsir għand l-attriċi illi ġustament, skont dak ikkuntrattat ma pretendietx illi għandha toqgħod bil-bieba bit-*tape* magħha, tistenna l-lakstu jieħu l-qagħda fejn kien pretiż minnha li tuża jew ma tużax il-*fridge-freezer* b'ċertu mod għaliex inkella l-lakstu ma jeħilx sew bil-konsekwenza li baqa' mbewwaq u bdiet tagħmel is-silġ. Dawn il-konsekwenzi ma jistgħux jiġu b'xi mod addebitati lill-attriċi meta li kieku s-soċjeta' intimata żammet mal-kuntratt ta' bejgħ xejn minn dan ma kien jissuċċiedi.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tiegħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' disa' mija u disgħa u erbgħin Ewro (€949) lill-attriċi li għandha immedjatament tiftiehem data u ħin konvenjenti għaliha sabiex is-soċjeta' intimata tieħu lura l-fridge-freezer bil-ġarr ikun a spejjeż tas-soċjeta' intimata.

Dan it-tribunal jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ulterjuri ta'erbgħin Ewro (€40) lill-istess attriċi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilha.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**